MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 317/2007

**Eugenio Farrugia (ID 15362 M) u martu Jennifer Farrugia (ID 179063 M)**

**Vs**

**Aedes Company Limited (C 32624)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in ezami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata sabiex tesewixxi skond is-sengha u l-arti u fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom mill-Qorti dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali mehtiega sabiex jissewwew il-hsarat kagunati minnhom fil-proprjeta` tar-rikorrenti numerata 51, ‘Soleandra’, Triq il-Wasliet, Swieqi, liema hsarat sehhew meta kkonducew xogholijiet ta` demolizzjoni u kostruzzjoni fis-sit adjacenti ghall-fond tar-

rikorrenti fuq indikat, u dan skond ma jirrizulta ahjar mir-rapport peritali tal-Perit Dottor Vincent Buhagiar datat 17 ta` Novembru, 2006 u mir-rapport peritali aggornat ta` l-istess Perit datat 21 ta` Settembru, 2007, ma` l-avviz annessi u markati Dokumenti A u B rispettivament, u dan prevja dikjarazzjoni li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-istess hsarat, u f`kaz illi s-socjeta` intimata tibqa` inadempjenti, ir-rikorrenti jkunu awtorizzati sabiex jaghmlu huma l-imsemmija xogholijiet taht is-sorveljanza ta` perit nominand, kollox a spejjez tas-socjeta` intimata.

Jigi dikjarat illi l-hsarat sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghal elfejn, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm 2,323).

Bl-imghaxijiet mill-ittra ufficcjali tas-26 ta` April, 2007 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-istess ittra ufficcjali kontra s-socjeta` intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti ghal danni ulterjuri li jistghu jigu kagunati lilhom.

Rat id-dokumenti imsemmija fl-istess rikors markat <u>Dok. A</u> u <u>Dok. B</u> u li jinsabu annessi ma` l-atti minn fol. 2 sa fol. 13.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun illi jigu rilevati s-segwenti fatti:-

1. Kif jidher a fol. 16 ta` l-istess atti, is-socjeta` intimata kienet giet debitament <u>notifikata</u> bir-rikors promotur izda ma giet prezentata <u>l-ebda risposta</u> sa llum stess, da parti ta` l-istess socjeta` intimata. In oltre <u>hadd ma deher</u>, waqt l-istess seduta sabiex jikkontesta t-talbiet attrici.

2. Ghandu jigi rilevat ulterjorment illi kif jidher mill-istess rikors promotur, ir-rikorrenti ma humiex qed jitolbu illi s-socjeta` intimata thallas ammont bhala kumpens ghad-danni. Di fatti, fl-istess rikors, jigi <u>dikjarat</u>, biss, illi l-ammont ta` danni kagunati mis-socjeta` intimata ghad-

dannu ta` l-atturi jekwivali ghal Lm 2,323, liema dikjarazzjoni jidher li saret ghall-iskop ta` kompetenza *“ratione valoris”* ta` din il-Qorti u sabiex tiddetermina il-valur ta` hsarat involuti. Ghalhekk l-istess Qorti ma tistax takkolji t-talba ghal hlas ta` l-imghax kif proposta mid-data hemm specifikata.

Ikkunsidrat

Illi fl-istess seduta xehed ir-rikorrenti li kkonferma taht gurament il-kontenut ta` l-istess rikors kif ukoll id-dokumenti annessi mieghu u li, diga`, saret referenza ghalihom.

Ikkunsidrat

Illi kif rizultanti mill-verbal tas-seduta ta` llum stess, giet proposta n-nomina ta` l-A.I.C. Mario Cassar ghall-iskop premess fl-istess rikors.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u:-

a) tiddikjara lis-socjeta` intimata bhala responsabbli ghall-hsarat imsemmijin fir-rikors in ezami.

b) tikkundanna lill-istess socjeta` intimata sabiex tesegwixxi skond is-sengha u l-arti, u dan sat-12 ta` Frar, 2008 dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali mehtiega sabiex jissewwew l-imsemmija hsarat kagunati mis-socjeta` intimata meta kkundiciet xogholijiet ta` domolizzjoni u konstruzzjoni fis-sit adjacenti ghal fond tar-rikorrenti f`”Soleandra”, Triq il-Wasliet, Swieqi u dan skond kif jirrizulta aktar mir-rapporti presentati tal-Perit Vincent Buhagiar datat l-17 ta` Settembru, 2006 u mir-rapport peritali aggornat ta` l-istess Perit datat l-21 ta` Settembru, 2007, hemm annessi u mmarkati Dokumenti A u B rispettivament u li ghandhom jifformaw parti integrali ta` din is-sentenza.

c) tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jaghmlu huma l-istess xogholijiet f`kaz li s-socjeta` tibqa` inadempjenti u

dan taht is-supervizzjoni u soreljanza ta` l-A.I.C. Mario Cassar u a spejjez ta` l-istess socjeta` intimata.

B`riserva *“si et quaternus”* ghal kull dritt iehor spettanti lill-istess rikorrenti skond il-ligi.

In rigward l-ispejjez ta` dawn il-proceduri inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-26 ta` April, 2007, dawn jithallsu mill-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------